# QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022**

**Kawża Numru: 22**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1144/2021 JVC**

**L-Avukat Dr. Fredrick Ellul (K.I.383377M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti (i) Enver Vasilyevich Kuzmin (Passaport Malti numru 1228039) u (ii) Khilola Shavkatovna Ulugova (Passaport Russu numru 76-4113862) u dan in forza ta` prokura datata nhar it-tlieta (03) ta` Settembru 2021**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dr. Fredrick Ellul bħala mandatarju speċjali tal-assenti Enver Vasilyevich Kuzmin u Khilola Shavkatovna Ulugova ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi kif jirrizulta mill-att ta' twelid tal-esponenti Enver Vasilyevich Kuzmin bin-numru 1969 tas-sena 2016, l-esponenti huwa indikat bl-isem u l-kunjom Enver Vasilyevich Kuzmin (ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok FE001);

2. Illi l-esponenti Enver Vasilyevich Kuzmin huwa hekk ukoll indikata bl-istess isem u kunjom fil-passaport Malti tiegħu bin-numru 1228039 (hawn anness u immarkat bħala Dok FE002);

3. Illi l-konjuġi esponenti ż-żewwġu nhar l-01 ta` Awwissu 2020 fil-Belt Kapitali Russa, cioe Moska, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ Russu, cioe dak bin-numru tar-reġistrazzjoni 120209770003402516003 (hawn anness u immarkat bħala Dok FE003);

4. Illi z-żwieġ tagħhom kien reġistrat fir-reġistru pubbliku ta` Malta nhar l-21 ta` Ottubru 2020, kif jirrizulta mill-att taż-żwieġ numru 1801/2020 (hawn anness u immarkat bħala Dok FE004);

5. Illi sussegwenti għal dan iż-żwieġ surreferit l-esponenti Khilola Shavkatovna Ulugova nhar l-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) bidlet kunjomha fir-

Russja minn *'Ulugova'* għal *'Ulugova -Kuzmina'* u dan kif jirrizulta miċ-ċertifikat tal-bdil fl-isem bin-numru tar-reġistrazzjoni 1602197700024000050007 hawn anness u mmarkat bħala Dok FE005;

6. Illi għalhekk il-konjuġi esponenti jixtiequ illi dan il-bdil fil-kunjom ta` l-esponenti Khilola Shavkatovna Ulugova jiġi rifless fl-att taż-żwieġ Malti (bin-numru progressivi 1801/2020) tagħhom, b'dana illi kunjomha jinbidel minn dak ta' xbubitha '*Ulugova*' għal dak miżżewġa '*Ulugova-Kuzmina*', liema tibdil għandu jiġi rifless fl-atti ta' stat ċivili relattivi kollha, inklużi iżda mhux biss fil-karta tal-identità u dokumenti uffiċjali ohra.

Għaldaqstant in vista tas-suespost il-konjuġi rikorrenti reverentament jitolbu bir-rispett u bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara lir-rikorrenti Khilola Shavkatovna Ulugova għandha l-kunjom '*Ulugova-Kuzmina*';

2) Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ Malti (bin-numru progressivi 1801/2020), fis-sens illi rikorrenti Khilola Shavkatovna Ulugova tiġi reġistrata bil-kunjom '*Ulugova-Kuzmina*' minflok '*Ulugova*';

3) Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi att taż-żwieġ tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni;

4) Tordna illi *ai termini* ta' l-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil surreferit jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrent Khilola Shavkatovna Ulugova, kif ukoll fid-dokumenti uffiċjali relattivi;

Bl-ispejjeż kollha akkollati l-konvenut, filwaqt il-konvenut minn issa jibqa` inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**3.** Illi fil-każ odjern saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru ta' Enver Vasilyevich Kuzmin, li twieled ir-Russja fit-18 ta' Frar tal-1984. L-att tat-twelid Malti insinwat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, innumerat 1969/2016, jirrifletti b'mod preċiż il-kontenut tal-att tat-twelid esteru tiegħu. In effetti, reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi d-Direttur konvenut jislet l-informazzjoni mill-att esteru u

jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti, u għalhekk ma sar ebda żball da parti tad-Direttur intimat;

**4.** Illi eventwalment, fis-sena 2020, saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att taż-żwieġ ta' Enver Vasilyevich Kuzmin, liema att tal-istat ċivili ukoll ġie rreġistrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-att taż-żwieġ lokali nnumerat 1801/2020, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, jirriżulta illi Enver Vasilyevich Kuzmin iżżewweġ lil Khilola Shavkatovna Ulugova fir-Russja fl-1 t'Awissu tas-sena 2020, u li "both spouses chose to retain their surname after the marriage". Dan jirrifletti *ad verbatim* il-kontenut taċ-ċertifikat taż-żwieġ Russu tar-rikorrenti, kopja ta' liema, debitament tradotta, qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2;

**5.** Illi skont Dok. FE005 anness mar-rikors promotur, intitolat *Change of Name Certificate* u datat 20 ta' Frar 2021, ir-rikorrenti Khilola Shavkatovna Ulugova bidlet kunjomha għal Ulugova-Kuzmina. Sussegwentement, fid-19 ta' Marzu 2021, inħareġ mill-ġdid iċ-ċertifikat taż-żwieġ Russu tar-rikorrenti, anness mar-rikors promotur u mmarkat Dok. FE003, li jindika li l-kunjom assenjat lill-mara wara ż-żwieġ huwa Ulugova-Kuzmina;

**6.** Illi r-rikorrenti jippretendu li la darba saru l-bidliet hawn fuq indikati fir-Russja, l-istess bidliet għandhom jiġu implimentati fl-atti relattivi li kienu rreġistrati f'pajjiżna;

**7.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed*

*poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-deed poll/change of name deed ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1];

**8.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**9.** Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, id-Direttur intimat jissottometti illi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjonijiet jistgħu isiru biss fl-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna. L-artikolu 253(3) jistipola illi f'din it-talba ġudizzjarja għandhom jiġu indikati l-atti **bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom** (enfasi miżjuda). Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent nomine għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, sabiex f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-istess tibdil ikun possibbli. Fir-rigward tal-korrezzjonijiet fid-dokument uffiċjali l-oħra, l-esponent jissottometti illi huwa m'għandux il-kompetenza u l-awtorità meħtieġa sabiex jagħmel korrezzjonijiet fuq dokumenti li ma jikkwalifikawx bħala atti tal-istat ċivili;

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011; **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015; **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

**10.** Illi għal kull buon fini qed jiġi rrilevat illi l-att tat-twelid ta' Khilola Shavkatovna Ulugova-Kuzmina għadu mhux irreġistrat f'pajjiżna, u li konsegwentement, f'dan l-istadju ma jista' jsir ebda tibdil f'tali att tal-istat ċivili, li mhux formanti parti mir-Reġistru Pubbliku Malti;

**11.** Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**12.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Marzu 2022 ir-rikors ġie differit ghal-lum ghad-deċiżjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti jippremettu li meta huma zzewgu lura fis-sena 2020, gewwa r-Russja, r-rikorrenti Enver Vasilyevich Kuzmin u martu Khilola Shavkatovna Ulugova ghazlu li kull wiehed minnhom izomm konjomu. Dan johrog mid-dikjarazzjoni fic-certifikat taz-zwieg a fol. 12 tal-process. Jirrizulta li konsegwenti ghar-registrazzjoni taz-zwieg taghhom mad-Direttur intimat, ir-rikorrenti mara wettqet procedura gewwa r-Russja fejn biddlet kunjomha ghal dak ta' Ulugova-Kuzmina (ara fol. 14). Permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu li

dan il-bdil fil-kunjom tar-rikorrenti mara jigi rifless fic-certifikat taz-zwieg taghhom u dokumenti ufficcjali ohra.

Illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat l-Qorti vverifikat li huwa minnu li r-rikorrenti mara llum igorr il-kunjom ta' Ulugova-Kuzmina u ghalhekk dan il-fatt ghandu jigi rikonoxxut fid-dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur intimat. Dwar dokumentazzjoni ufficjali ohra li izda mhux fil-poter tad-Direttur intimat din il-Qorti ma tistax tordna l-korrezzjoni taghha permezz ta' din id-decizjoni ghalkemm il-bdil ta' din id-dokumentazzjoni ghandha tkun konsegwenzjali ghall-istess.

Il-Qort rat ukoll li saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi.

In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi l-kawza odjerna billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti Khilola Shavkatovna Ulugova ghandha l-kunjom 'Ulugova-Kuzmina'.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi ai termini tal-artikolu 253 et. seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir korrezzjoni fl-att taz-zwieg Malti (bin-numru progressiv 1801/2020) fis-sens illi r-rikorrenti Khilola Shavkatovna Ulugova ghandha tigi registrata bil-kunjom 'Ulugova-Kuzmina' minflok 'Ulugova';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi att taz-zwieg tar-rikorrenti li jindika li saret tali korrezzjoni;

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament billi tordna li ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil surreferit jigi rifless f'kull att tal-istat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent Khilola Shavkatovna Ulugova, kif ukoll fid-dokumenti ufficjali relattivi fil-poter tad-Direttur intimat.

5. Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Marzu 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**29 ta' Marzu 2022**